MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## GINO CAMILLERI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2014

Appell Civili Numru. 13/2012

**Citadel Insurance plc.**

**vs**

**Carmel Galea u Motor Insurer's Bureau**

**Il-Qorti**

**Rat** li fit-2 ta'April 2012 gie deciz arbitragg mandatorju mic-Centru Malti tal-Arbitraggi – (Arbitru – Avukat Dr. Joseph A. Schembri) fl-ismijiet premessi, fejn intqal u gie deciz kif gej:-

"***SEDUTA 1****: Seduta mizmuma illum 17 ta' Frar 2011 fil-3.00p.m. presenti rappresentant tas-socjeta rikorrenti u l-avukat tar-rikorrenti.*

*PC 141 Christopher Azzopardi bil-malti u bil-gurament, kif ingunt mis-socjeta rikorrenti jghid:*

*Jien kont orderly fl-ghassa tal-Qawra meta dahal ir-rapport. Kiewn gie John Beirne fl-ghassa u kien irraporta li kienu laqtulu il-karrozza tieghu EKA806. Din kienet ipparkjata fil-parking lot tal-Central Park. Li qalli nizziltu fl-okkorrenza li kopja taghha qed nesibixxi u nikkonferma u li qed tigi markata bhala Dok CA1.*

*Mieghu kellu lil Russel John Gartshore li ikkorrobora dak li qalli Beirne u ikkonferma li l-imsemmi scooter kien laqghet il-karrozza imsemmija.*

*l-iscooter kellu in-numru GAN328.*

*Is-sid tal-scooter kien kellmu is-surgent li investiga il-kaz u qal li il-mutur kien ghadu kemm bieghu xi jumejn qabel u allura ma kienx jaf bl-amment l-isem tal-persuna li kien titolarju tieghu. Skond l-okkorrenza l-istess sid gabar il-mutur wara il-habta u rega' bieghu lil haddiehor.*

*Fil-mument tal-habta naf li il-mutur kien ghadu jghajjat lil Carmel Galea.*

*Jien ma niftakarx li rajt il-vetturi in kwistjoni. Lanqas ma naf jekk il-mutur kienx jew le assikurat.*

*Dr Philip Magri jesibixxi kopja tal-ittra mibghuta mil-Motor Insurance Bureau (PM1) lil Victoria Insurance Agency Limited, ittra ohra mil-Motor Insurance Bureau lil Citadel Insurance plc (PM2), ittra ufficcjali mahruga minn Citadel Insurance u ricevuta taghha (PM3 u PM4), kif ukoll ricevuti tal-hsarat (PM5, PM6 u PM7) kif ukoll rapport tal-pulizija (PM8) u survey tal-vettura in kwistjoni b'ritratti annessi (PM9). L-ammont mitlub huwa dak ta' €727. 66.*

**SEDUTA 2**: *Seduta mizmuma illum 15 ta' Lulju 2011 fil-11.00a.m. presenti Dr Philip Magri li informa lill-arbitru li huwa impenjat b'kawza urgenti fil-Qorti u ghalhekk is-seduta ma setghetx titkompla.*

*Giet iffissata seduta ohra ghall-26 ta' Settembru 2011 fil-11.00a.m.*

**SEDUTA 3**: *Seduta mizmuma illum 26 ta' Settembru 2011 fil-03.00p.m. presenti biss l-avukat tar-rikorrenti.*

*John Beirne states on oath in the English language.*

*I am the owner of car EKA-806 which was inviolved in an accident at St Paul's Bay on 18/08/2008. I had parked off th ecar in the preceding evening and i was informed of the accident which I have not witnessed myself.*

*I had parked the car opposite Mdina Pharmacy and it was the last car on the road. I saw the damages when I went to drive it the following morning and i was informed by one of the owners of the bar (Central Perk) that the accident was witnsssed by a tourist who reported it to the pólice. I then went to the pólice station to file my*

*report, and the police informed thata tourist had already been to the station the previous evening. The pólice informed me that the tourist had given them the number of the motor cycle or scooter which had hit my car. This was number GAN-328.*

*On being requested by the pólice I took the car round to the station and they had a look at it. They strarted to laugh because the same scooter had been reported twice on the same day for two different accidents. I went to the police on my own.*

***LODO.***

*Illi dan l-arbitragg jikkoncerna kollizzjoni li grat bejn il-vetturi EKA806 proprieta ta' John Beirne u assikurata mas-socjeta rikorrenti u il-vettura GAN 328 li tappartjeni lil Carmel Galea.*

*L-incident gara fil-19 ta' Awwissu 2008 f'San Pawl il-Bahar.*

*L-ammont ta' danni reklamati b'rizultat ta' dan l-incident huwa dak ta' €727.66.*

*Inzammu tlett seduti biex il-partijiet ghalqu il-gbir tal-provi taghhom.*

*Fl-ewwel seduta xehed PC 141 Christopher Azzopardi li qal li huwa kien l-orderly fl-ghassa tal-Qawra meta dahal ir-rapport. Kien mar John Beirne fl-ghassa u kien irraporta li kienu laqtulu il-karrozza tieghu EKA806. Din kienet ipparkjata fil-parking lot tal-Central Park. Li qallu nizzlu fl-okkorrenza li kopja taghha esibixxa u ikkonferma u li giet markata bhala Dok CA1.*

*Ix-xhud zied jghid li ma' Beirne kien hemm Russel John Gartshore li ikkorrobora dak li qallu Beirne u ikkonferma li scooter bit-targa GAN 328 kien laqghet il-karrozza imsemmija.*

*Is-sid tal-scooter kien kellem lis-surgent li investiga il-kaz u qal li il-mutur kien ghadu kemm bieghu xi jumejn qabel u allura ma kienx jaf bl-amment l-isem tal-persuna li kien titolarju tieghu. Skond l-okkorrenza l-istess sid kien gabar il-mutur wara il-habta u rega' bieghu lil haddiehor.*

*Fil-mument tal-habta il-mutur kien ghadu jghajjat lil Carmel Galea.*

*Fit-tieni seduta Dr Philip Magri esibixxa kopja tal-ittra mibghuta mill-Motor Insurance Bureau (PM1) lil Victoria Insurance Agency Limited, ittra ohra mill-Motor Insurance Bureau lil Citadel Insurance plc (PM2), ittra ufficcjali mahruga minn Citadel Insurance u ricevuta taghha (PM3 u PM4), kif ukoll ricevuti tal-hsarat (PM5, PM6 u PM7) kif ukoll rapport tal-pulizija (PM8) u survey tal-vettura in kwistjoni b'ritratti annessi (PM9). Inoltre l-avukat Magri spjega li l-ammont mitlub huwa dak ta' €727. 66.*

*F'seduta sussegwenti xehed fil-lingwa ingliza John Beirne li stqarr li huwa il-proprietarju tal-vettura EKA-806 li kienet involuta fl-incident mertu ta' dawn il-proceduri. Kien ipparkja il-vettura u ma kienx ra l-incident isir.*

*Ra bid-daqqa meta mar l-ghada biex isuq il-vettura – sabha mahbuta u kien infurmat minn wiehed mil-proprietarji tal-bar li hemm fil-vicinanzi li l-incident kien rah turist u dan mar pront l-ghassa tal-pulizija biex jaghmel rapport. Ghalhekk mar l-ghassa biex jaghmel rapport hu ukoll tal-akkdut u hemmhekk kien gie infurmat li kien mar turist jirraporta l-incident.*

*It-turist informa lill-pulizija li il-mutur li kien dahal fil-vettura tieghu kien igib in-numru GAN-328.*

*L-intimat qatt ma xehed avolja kien infurmat biex jattendi ghas-seduti mizmuma mill-arbitru. Mill-inkartament tal-atti ta' dawn il-proceduri lanqas ma jidher li huwa ghamel risposta ghat-talba tas-socjeta rikorrenti.*

*Gie presentat rikors biex il-Motor Insurance Bureau tigi ammessa tintervjeni f'dawn il-proceduri, liema rikors gie milqugh u l-istess Bureau ippresenta nota ta' sottomissjonijiet fil-19 ta' Ottubru 2011.*

*Din sostanzjalment tghid illi il-principju legali li ghandujiddetermina dan l-arbitragg huwa li min jallega irid jipprova u li is-socjeta rikorrenti ma irnexxiliex tipprova, sal-grad li trid il-ligi, li attwalment kien l-intimat Galea li ikkawza il-kollizzjoni u konsegwentement il-hsarat riportati fil-vettura tal-assikurat tas-socjeta rikorrenti.*

*In risposta ghal din in-nota saret nota tal-osservazzjonijiet mis-socjeta rikorrenti li essenzjalment tghid illi Galea kien il-persuna registrata bhala proprietarja tal-mutur in kwistjoni u avolja inghata kull opportunita biex jiskolpa ruhu baqa' ma ghamel xejn f'dan ir-rigward. Inoltre tghid illi l-allegazzjoni li l-mutur kien mibjugh hija semplicement allegazzjoni u ma ingabet ebda prova minn min kien qed jallegaha. Tkompli tghid in-nota illi la darba l-mutur ma kienx assikurat, kif irrizulta attwalment li ma kienx, allura is-sid tieghu huwa ko-responsabbli ghad-danni kagunati bl-uzu tal-istess mutur. F'dan ir-rigward saret riferenza ghas-sentenzi moghtija mil-qrati taghna u cioe "***Grech vs Rizzo***" decisa fil-02 ta' Marzu 2001, "***Formosa vs Spiteri***" decisa fil-28 ta' April 2005, "***Refalo vs Caruana***" deciza fil-05 ta' Ottubru 1995, u "***Micallef vs Azzopardi***" decisa fil-07 ta' Ottubru 1994.*

*Ma hemmx dubbju illi il-vettura tal-assikurat tas-socjeta rikorenti ma setghetx kienet responsabbli ghall-incident in kwistjoni stante li din kienet ipparkjata f'post tajjeb u adegwat. Dan il-fatt jidher li huwa ukoll accettat mill-Bureau intervenut. Infatti ma hemm xejn allegat f'dan ir-rigward fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu*

*Kwindi li jrid jigi pruvat huwa jekk attwalment l-proprietarju registrat tal-mutur jistax jinstab responsabbli ghall-incident mertu ta' dawn il-proceduri la darba ma hemm hadd li attwalment ra l-incident isir.*

*L-arbitru jtenni li l-mutur li dahal fil-vettura tal-assikurat tas-socjeta rikorrenti ma kienx kopert b'polza valida tal-assikurazzjoni u ghalhekk jtendi li jaqbel ma' dak li gie ritenut fil-sentenzi citati mis-socjeta rikorrenti u cioe li la darba ma irrizultatx assikurazzjoni valida tal-imsemmi mutur isegwi li il-proprietarju tieghu huwa ko-responsabbli ghal dak li jista' jigri b'risultat tas-sewqan tal-istess mutur. Dan qed jinghad ukoll fuq l-iskorta ta' dak li jipprovdi l-artiklu 1033 tal-Kodici Civili. Dan jghid trestwalent hekk:*

*"Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk."*

*Gie allegat li attwalment l-intimat Galea kien biegh il-mutur tieghu lil terza persuna li ma ftakarx min kienet. Izda irrizulta li attwalment kien dan Galea li mar jigbor u ha lura il-pussess tal-mutur wara il-habta u li attwalment, per gunta, bieghu sussegwentement wara il-habta – ara f'dan ir-rigward it-testimonjanza ta' PC 141 Christopher Azzopardi.*

*Isegwi ghalhekk minn dan kollu illi ghall-istess incident jahti biss l-intimat Galea li ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni subiti. Billi dan Galea ma jidhirx li kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni ghalhekk isegwi illi il-Bureau intervenut ghandu jaghmel tajjeb ghall-istess risarciment tad-danni subiti mis-socjeta rikorrenti.*

*Billi intervenut fil-kawza ma jistax jitqies bhala li huwa attwalment parti f'kawza fis-sens li jista' jigi ikkundannat jhallas ghad-danni, kuntrarjament ghal wiehed li jigi imsejjah fil-kawza, attwalment kawzati, l-arbitru ma jhossx li jista' jikkundanna lill-Bureau intervenut ihallas izda, in vista tal-interess li dan l-istess Bureau wera fl-esitu ta' dawn il-proceduri, l-arbitru ma jistax jara ghala l-istess Bureau ma ghandux attwalment jonora din id-decizjoni billi attwalment ihallas l-ammont reklamat, li qed jigi likwidat bhala l-ammont attwalment subit bhala danni. L-arbitru jaccetta l-ammont tad-danni kif mitlub tant ghaliex jidhru gustifikati u ukoll ghax l-istess ammont lanqas ma gie kontestat mil-intervenut Bureau. Fuq din is-somma ghandhom ukoll jiddekorru l-imghax legali mid-data li inbdew dawn il-proceduri u cioe mill-16 ta' Novembru 2010 sad-data tal-effettiv pagament.*

*L-ispejjes ta' dawn il-proceduri ghandhom ukoll jigu sopportati mil-istess Bureau."*

**Rat** li l-intervenuta fil-kawza l-Motor Insurers' Bureau hassitha aggravat b'din is-sentenza u interponiet appell minnha quddiem din il-Qorti.

**Rat** ir-rikors tal-appell tal-appellanti l-imsemmija intervenuta fil-kawza fejn gie premess:-

Illi permezz tal-proceduri ta' arbitragg mandatorju bin-numru M2521/2010 pprezentati fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg fis-16 ta' Novembru 2010 ir-rikorrenti Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha John Beirne u l-istess John Beirne f'ismu proprju talbu illi l-intimat Carmel Galea jigi kkundannat ihallas id-danni minnhom sofferti f'incident awtomobilistiku li sehh nhar id-19 ta' Awwissu 2008 f'San Pawl il-Bahar. L-*iStatement of Claim* tar-rikorrenti jghid hekk: *"Claimants content that respondent is to be found solely responsible for the motor vehicle accident that occurred on the 18th August 2008 in San Pawl il-Bahar and in which accident were involved vehicle with registration number EKA 806 owned by claimant John Beirne and insured with claimant insurance company and vehicle with registration number GAN 328 owned by respondent Carmel Galea and this in pursuance of the reckless and careless driving of the respondent and which driving by the respondent was also in breach of the Highway Code.*

Illi l-intimat Carmel Galea ma ressaq ebda risposta f'dawn il-proceduri ta' arbitragg u ghalhekk baqa' kontumaci.

Illi mill-provi migbura f'dawn il-proceduri ta' arbitragg jirrizulta illi l-fatti saljenti huma s-segwenti:-

Fid-19 ta' Awwissu 2008 sehh incident f'San Pawl il-Bahar li fih kienet involuta l-vettura EKA 806.

Ir-rikorrent John Beirne mar l-ghassa tal-Qawra u rrapporta li kienu laqtulu l-karozza tieghu EKA 806 di proprjeta` tieghu waqt li kienet ipparkjata.

John Beirne ma kienx prezenti meta sehh l-incident izda ra l-hsara fil-vettura tieghu l-ghada filghodu wara li gie informat mill-proprjetarju tal-bar bl-isem "Central Park" li certu Russell John Gartshore kien mar jaghmel rapport dwar l-incident lill-Pulizija.

Il-Pulizja qalu lil John Bearne li Russel John Gartshore kien tahom in-numru ta' l-*iscooter* GAN 328.

Jirrizulta li Russel John Gartshore kien jaf biss li l-karozza ta' John Beirne ntlaqtet mill-*iscooter* bin-numru GAN 328 imma ma kienx jaf min kien is-sewwieq ta' l-*iscooter* u fil-fatt ma taha ebda dettalji lill-pulizija dwar dan.

Meta gie mkellem mis-surgent li investiga l-kaz, l-intimat qal li dan l-*iscooter* kien bieghu xi ftit granet qabel l-incident imma s-surgent qal li fil-mument tal-habta l-i*scooter* kien ghadu registrat fuqu. L-intimat Carmel Galea qatt ma qal lill-Pulizija li kien qed isuq l-*iscooter* u ma ttellax biex jixhed f'dawn il-proceduri mir-rikorrenti. Ma jirrizultax li l-Pulizija hadu xi proceduri kontrih in konnessjoni ma' dan l-incident. Russel John Gartshore u l-proprjetarju tal-bar Central Park ma xehdux lanqas.

Illi r-rikorrenti taw avviz lill-esponenti Motor Insurers' Bureau ta' dawn il-proceduri ta' arbitragg b'ittra ufficjali tas-16 ta' Novembru 2010 (**Dok. A** anness mar-rikors ta' l-esponenti sabiex jintervjenu fl-arbitragg), u ghalhekk l-esponenti pprezentat rikors sabiex it-Tribunal ta' l-Arbitragg joghgbu jawtorizzawha tintervjeni fil-proceduri *in statu et terminis* u taghmel is-sottomissjonijiet taghha qabel ma l-arbitru jghaddi ghall-*award.*

Illi b'digriet tas-7 ta' Ottubru 2011 it-Tribunal ta' l-Arbitragg laqa' t-talba ta' l-esponenti sabiex tintervjeni fil-proceduri ta' arbitragg u awtorizza lill-partijiet sabiex jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet fi zmien ghoxrin jum.

Illi l-esponenti ressqet in-nota ta' sottomissjonijiet taghha u wara dan ir-rikorrenti Citadel Insurance plc ghamlet is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub. L-esponenti ghamlet ukoll replika.

Illi b'decizjoni moghtija fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg fit-2 ta' April 2012, li kopja taghha hija hawn anness u mmarkat bhala **Dok. MIB1**, gie deciz dan l-arbitragg billi giet milqugha t-talba tar-rikorrenti kontenuta fl-*iStatement of Claim* bl-ispejjez kontra l-esponenti Motor Insurers' Bureau. Fil-parti konkluziva ta' l-award, it-Tribunal ta' l-Arbitragg ddecieda hekk: *"… in vista tal-interess li dan l-istess Bureau wera fl-esitu ta' dawn il-proceduri, l-arbitru ma jistax jara ghala l-istess Bureau ma ghandux attwalment jonora din id-decizjoni billi attwalment ihallas l-ammont reklamat, li qed jigi likwidat bhala l-ammont attwalment subit bhala danni. L-arbitru jaccetta l-*

*ammont tad-danni kif mitlub tant ghaliex jidhru gustifikati u ukoll ghax l-istess ammont lanqas ma gie kontestat mil-intervenut Bureau. Fuq din is-somma ghandhom ukoll jiddekorru l-imghax legali mid-data li inbdew dawn il-proceduri u cioe mill-16 ta' Novembru 2010 sad-data tal-effettiv pagament. L-ispejjes ta' dawn il-proceduri ghandhom ukoll jigu sopportati mil-istess Bureau."*

Illi l-esponenti Motor Insurers' Bureau hassiet ruhha aggravata b'din id-decizjoni tat-Tribunal ta' Arbitragg u ghalhekk qeghda tinterponi dan l-umli appell minnha.

Illi l-aggravji ta' l-esponenti huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

i. Illi d-decizjoni moghtija fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg fit-2 ta' April 2012 (Dok. MIB1) hija nulla ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi billi ma gewx indikati l-partijiet kollha fl-okkju tad-decizjoni moghtija mill-arbitru fil-proceduri ta' l-arbitragg numru M2521/10 u apparti minn hekk l-esponenti giet indikata bhala intimata fl-okkju ta' l-istess decizjoni meta fil-fatt kienet biss intervenuta fil-kawza kif fil-fatt jirrizulta ukoll mill-ittri mahruga mir-Registratur tac-Centru fl-atti ta' dan l-arbitragg;

ii. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, billi l-esponenti kienet biss intervenuta fil-proceduri migjuba kontra l-intimat Carmel Galea, it-Tribunal ta' l-Arbitragg qatt ma seta' jordna lill-esponenti sabiex tonora d-decizjoni u thallas l-ammont reklamat u lanqas ma' seta' jikkundanna lill-esponenti sabiex thallas l-ispejjez kollha tal-proceduri ta'arbitragg;

iii. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg aggravji, ma kienx hemm ragunjiet validi fil-ligi li fuqhom l-intimat Carmel Galea *qua* propjetarju tal-*iscooter* GAN 328 seta' jinstab responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti.

*L-ewwel aggravju spjegat*

Illi min-*Notice of Arbitration* u l-*Istatement of Claim* jirrizulta bic-car illi l-dawn il-proceduri ta' arbitragg inbdew **mhux biss** minn Citadel Insurance plc izda ukoll mill-assikurat taghha John Beirne f'ismu proprju. Madanakollu fl-okkju ta' l-*award* John Beirne, minkejja li kien attur f'dawn il-proceduri ma jissemma` mkien. Jirrizulta ukoll bic-car min-*Notice of Arbitration* u l-*Istatement of Claim* **li l-intimat kien biss Carmel Galea** u l-esponenti hija biss intervenuta fl-istess proceduri ai termini ta' l-Artikolu 960 tal-Kap. 12 wara li ghamlet it-talba appozita in segwitu ghall-ittra ufficjali tar-rikorrenti tas-16 ta' Novembru 2010 li permezz taghha inghatat avviz tal-proceduri. Minkejja dan, fl-okkju tad-decizjoni ta' l-arbitru l-esponenti giet skorrettament indikata bhala intimata. Fil-fatt l-okkju tad-decizjoni jaqra *"Citadel*

*Insurance plc vs Carmel Galea u Motor Insurer's Bureau"* kuntrarjament ghal dak indikat fl-ittri mahruga mir-Registratur tac-Centru fl-atti ta' dan l-arbitragg.

Illi ghalhekk, billi l-okkju tad-decizjoni moghtija fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg fit-2 ta' April 2012 fl-atti ta' l-arbitragg numru M2521/10 huwa zbaljat, l-istess decizjoni ghandha tigi dikjarata nulla minn dina l-Onorabbli Qorti.

*It-tieni aggravju spjegat*

Illi ghalkemm it-Tribunal ta' Arbitragg irrimarka korrettement illi l-intervenut fil-kawza ma jistax jitqies bhala parti fil-kawza, u dan kuntrarjament ghall-imsejjah fil-kawza, it-Tribunal ta' Arbitragg deherlu li seta' jinjora dan il-principju legali baziku u fil-parti konklussiva tad-decizjoni tieghu ddecieda li kellu d-dritt jordna lill-esponenti tonora d-decizjoni "*billi attwalment thallas l-ammont reklamat*" u thallas ukoll l-ispejjez kollha ta' l-arbitragg.

Illi huwa car illi f'dawn il-proceduri ta' arbitragg mandatorju r-rikorrenti qatt ma ddeducew xi talba kontra l-esponenti u fil-fatt l-esponenti ma gewx indikati bhala intimati. Minhabba f'hekk l-esponenti ma ddifendewx il-kawza bhala intimati izda assumew biss l-istat ta' intervenuti fil-kawza. Isegwi ghallhekk **li t-Tribunal ta' Arbitragg qatt ma seta', f'dawn il-proceduri, jordna lill-intervenuti jaghmlu tajjeb ghall-ammont reklamat mir-rikorrenti.**

Illi ghandu jigi osservat ukoll illi r-responsabbilita` o meno ta' l-esponenti li taghmel tajjeb ghad-danni sofferti fl-incident in kwistjoni hija materja separata regolata mill-provvedimenti ta' l-Avviz Legali 435 ta' l-2003 li jittratta c-cirkostanzi u l-kundizzjonijiet li jridu jigu sodisfatti sabiex l-esponenti qua *manager* tal-Fond ghall-Protezzjoni u Kumpens tista' tigi tenuta taghmel tajjeb ghad-danni kkawzati minn vettura li mhix assigurata. Fost ir-rekwisiti imposti mill-ligi fir-Regolament 26 ta' A.L. 435 ta' l-2003 hemm ukoll li f'kaz ta' hsara lil proprjeta` kkawzata minn vettura mhux assikurata ghandu japplika *excess* ta' €465.87 liema ammont jigi soffert mill-vittma u ghalhekk il-Bureau qua *manager* tal-Fond qatt ma jhallas l-ammont kollu reklamat. Hemm ukoll rekwiziti ohra li jridu jigu sodisfatti. Billi l-esponenti qatt ma kienet konvenuta f'dawn il-proceduri ta' arbitragg mandatorju dina l-kwistjoni qatt ma giet u qatt ma setghet tigi trattata ghax dawn il-proceduri ta' arbitragg kienu biss bejn ir-rikorrenti u l-intimat Carmel Galea u kienu jitrattaw biss ir-responsabbilita` o meno ta' l-istess intimat Galea ghall-incident *de quo,* u mhux ir-responsabbilita` ta' l-esponenti intervenuta fil-kawza versu r-rikorrenti ai termini ta' l-A.L. 435 ta' l-2003. **Ghalhekk l-arbitru ma kellu assolutament ebda setgha jiddeciedi li ma jarax ghalfejn l-esponenti m'ghandhiex thallas l-ammont reklamat mir-rikorrenti u jordnalha thallas l-istess ammont u l-ispejjez ta' l-arbitragg.**

Illi fil-kaz *de quo* il-ksur tal-principju procedurali illi l-intervenut fil-kawza ma jistax jigi kkundannat wassal ukoll ghal ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq ta' l-esponenti billi hija ma nghatat ebda opportunita` tressaq id-difiza taghha vis-a-vis r-rikorrenti ai termini ta' l-Avviz Legali 435 ta' l-2003.

*It-tielet aggravju spjegat*

Illi apparti minn hekk, u dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-aggravji suesposti, id-decizjoni tat-Tribunal ta' l-Arbitragg hija ukoll legalment zbaljata in kwantu sabet illi fil-kaz *de quo* l-intimat Galea seta' jigi tenut responsabbli ghall-incident in kwistjoni tal-19 ta' Awwissu 2008.

Illi huwa principju ben stabbilit, kif inghad fis-sentenza **Dr. H. Lenicker vs. J. Camilleri** deciza mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju 1972, illi*"f'kawza civili l-attur li jallega li gratlu hsara b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova l-azzjoni tieghu ma tistax ikollha ezitu favorevoli (anke jekk il-konvenut ma jippruvax - ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova li l-incident ikun gara b'tort ta' l-atturi)."* Hekk ukoll dina l-Onorabbli Qorti fis-sentenza **Peter Paul Aquilina vs. Paul Vella** (2 ta' Mejju 1995) osservat illi *"l-prova tinkombi fuq l-attur li jallega l-htija tal-konvenut - onus probandi incubit ei qui dicit non ei qui negat."* Huwa ukoll risaput illi l-kontumacja ta' l-intimat hija kontestazzjoni u mhux ammissjoni tat-talbiet attrici. Dan qed jinghad billi l-intimat ma dahhal ebda risposta fil-proceduri ta' dan l- arbitragg.

Illi mill-*award* moghti fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg fit-2 ta' April 2012 jidher illi l-arbitru qabel mas-sottomissjoni ta' l-esponenti illi ma ngiebet ebda prova li l-intimat Carmel Galea kien qed isuq l-*iscooter* fil-mument tal-habta mertu ta' dan l-arbitragg u li kien hu li kkawza l-incident bin-negligenza tieghu kif allegat fl-*iStatement of Claim* tar-rikorrenti.

Illi madanakollu jidher illi l-arbitru qabel mas-sottomissjoni tar-rikorrenti Citadel Insurance plc illi l-intimat Carmel Galea seta' jinstab risponsabbli *qua* proprjetarju billi l-vettura GAN 328 ma kinitx koperta b'polza ta' assigurazzjoni. Jinghad fl-*award* illi *"la darba ma irrizultatx assikurazzjoni valida tal-imsemmi mutur isegwi li l-proprjetarju tieghu huwa ko-responsabbli ghal dak li jista' jigri b'rizultat tas-sewqan ta' l-istess mutur."*

Illi fil-fehma umli ta' l-esponenti it-talba attrici ma setghetx tintlaqa' fuq dina l-bazi. Ir-rikorrenti ma gabu ebda prova kif trid il-ligi li l-intimat bhala sid il-vettura volontarjament ippermetta li l-vettura tintuza minn xi hadd minghajr assikurazzjoni dak inhar ta' l-incident mertu ta' dan l-arbitragg. Mir-rapport tal-pulizija pprezentat mir-rikorrenti jirrizulta biss li l-intimat stqarr mal-pulizija li kien biegh il-vettura qabel l-incident. Ma hemm ebda prova fl-atti l-intimat volontarjament ippermetta li din il-vettura tinstaq minghajr assigurazzjoni, kif lanqas ma hemm hjiel ta' prova ta' kif is-sewwieq ha pussess tal-vettura u c-cirkustanza ta' l-incident. **Fis-sentenzi li jikkwota t-Tribunal ta' Arbitragg kienet tressqet il-prova li sid il-vettura volontarjament halla l-vettura tinstaq fit-triq minn persuna ohra meta kien jaf li ma kinitx assigurata, izda fil-kas *de quo* din il-prova ma ngibitx. Ghandu jinghad li l-Qrati taghna sabu htija mhux semplicment ghax persuna hija sid ta' vettura mhux assikurata li kkwazat dannu lil terz (kif qal it-Tribunal ta' Arbitragg fil-bran fuq kwotat) imma ghax is-sid volontarjament ippermetta persuna ohra ssuq il-vettura meta kien jaf li l-vettura tieghu mhix assikurata.** Ir-rikorrenti ma harrkux lill-intimat biex jaghmlu din il-prova u jistabbilixxu c-cirkostanzi tal-kaz u lanqas ma gabu prova kif trid il-ligi - billi jharrku rapprezentant ta' l-Awtorita` Dwar it-Trasport - biex jistabbilixxu jekk Carmel Galea kienx verament sid l-*iscooter* fil-mument tal-habta. Russel John Gartshore u l-proprjetarju tal-bar Central Park ma ttellghux jixhdu lanqas. Kif intqal fis-sentenzi fuq kwotati *"l-prova tinkombi fuq l-attur li jallega l-htija tal-konvenut"* u mhux vice-versa.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-appellanti qed jitolbu li din il-Qorti tannulla u tirrevoka l-imsemmija decizjoni u minnflok tghaddi biex tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti.

**Rat** ir-risposta tal-Appell tal-appellata Citadel Insurance p.l.c. (C21550) kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha John Beirne u l-istess John Beirne – numru tal-karta tal-identita' 14144(A) f'ismu proprju fejn gie sottomess:-

Illi l-esponenti ser titratta t-tle tt aggravji imressqin mis-socjeta' intervenuta fl-arbitragg Motor Insurers' Bureau fl-ordni kif gew imressqin mill-istess socjeta' intervenuta fl-istess arbitragg permezz tar-rikors tal-appell taghha. Jidher fil-fatt illi l-aggravji huma essenjalment ta' natura legali u li kwindi jirrigwardjaw l-interpretazzjoni tal-ligi applikazzjoni ghall-kaz in ezami.

**Dwar il-Fatti tal-Kaz**

Illi bhala fatti jidher fil-fatt li hemm qbil bejn il-partijiet u dana fis-sens illi l-arbitragg odjern kien gie istitwit mill-esponenti fil-konfront ta' Carmel Galea in vista tal-fatt li, kif jirrizulta mir-rapport tal-Pulizija Investigattiva, l-esponenti John Beine kien irraporta l-Ghassa tal-Qawra li kienu laqtulu l-karozza tieghu bin-numru ta' registrazzjoni EKA806 meta din kienet ipparkjata. Russel John Gartshore, turist li kien Malta dak iz-zmien, kien ra l-incident u kkonferma li l-iscooter li kien laqat il-vettura tal-esponenti kellu n-numru ta' registrazzjoni GAN 328. Kif irrizulta mill-investigazzjonijiet li saru, fil-mument tal-habta, l-iscooter kien jghajjat lill-intimat Carmel Galea u meta dan gie avvicinat mill-istess Pulizija investigattiva dan qal li l-mutur kien ghadu kemm bieghu xi jumejn qabel lil persuna li hu ma kienx jaf x'jisimha. Kien pero' l-istess sid li gabar il-mutur wara l-habta u sussegwentement sar bejgh iehor tal-istess mutur lil terzi.

Illi a sostenn tat-talba taghhom l-esponenti appellati kienu ezebew fl-atti tal-arbitragg ir-ricevuti relattivi, ir-rapport tal-pulizija u anke 'survey' li sar fuq il-vettura surreferita flimkien ma' ritratti tal-istess. L-ammont mitlub mill-esponenti permezz tal-arbitragg u kif jirrizulta mill-istess dokumenti ezebiti huwa ta' seba' mija u sebgha u ghoxrin euro u sitta u sittin centezmi (€727.66) liema somma jinkludi l-ammont imhallas mis-socjeta' esponenti Citadel Insurance p.l.c. ghat-tiswija tal-vettura, prevja s-surroga skond il-ligi u aabbazi tal-polza, u kif ukoll l-'excess' imhallas mill-assikurat John Beirne.

Illi fil-proceduri arbitrali xehed ukoll John Beirne li sostanzjalment ikkonferma dak li xehed il-PC 141 Christopher Azzopardi u l-verzjoni moghtija minnu skond l-istess rapport tal-Pulizija. B'zieda ma' dan l-istess John Beirne xehed ukoll li l-Pulizija bdew jidhqu ghaliex l-istess 'scooter' kien gie rapportat darbtejn fl-istess gurnata li kkawza hsarat fuq vetturi, fosthom ovvjament dik tal-istess esponenti John Beirne. Huwa xehed ukoll li l-persuna li rat l-incident hu ma kienx jafha salv li l-Pulizija qalulu li kien turist.

Illi kif gie gustament ravvizat mill-Bureau appellanti Carmel Galea gie citat f'dan l-arbitragg bhala intimat **in kwantu sid l-iscotter** li kkaguna l-hsara lamentata mill-esponenti. L-identita' tas-sewwieq tal-istess 'scooter' baqghet injota ghall-esponenti u kif ukoll ghall-Pulizija investigattiva. L-intimat Carmel Galea baqa' kontumaci f'dawn il-proceduri. Kien biss fi stadju tardiv li l-Motor Insurance Bureau appellanti talbet li tintervjeni 'in statu et terminis' f'dan l-arbitragg u dan in vista tal-interess guridiku tal-istess Bureau fl-ezitu tal-istess peress illi l-iscooter ma kienx assikurat.

**Dwar l-Ewwel Aggravju**

Illi l-ewwel aggravju tal-Motor Insurance Bureau jirrigwardja l-allegata nullita' tal-lodo arbitrali in vista ta' zball fl-okkju tal-lodo arbitrali li ma jaghmilx referenza ghal John Beirne bhala rikorrenti u lanqas ma jipprovdi ebda indikazzjoni li l-appellanti fil-fatt kienet qed tidher fl-atti bhala intervenuta 'in statu et terminis'.

**Illi effettivament jekk il-lodo arbitrali huwa null ghandu jirrizulta wkoll li huwa null l-appell odjern in kwantu l-appellanti ghazel li jirriproduci l-istess okkju li skond hu huwa erronju fl-istess rikors tal-appellipprezentat minnu.**

**Illi ulterjorment ghandu jirrizulta wkoll li r-rikors tal-appell odjern huwa anki null in vista tal-fatt li ma gewx segwita l-obbligi mposti mill-art. 70A(2) tal-Att dwar l-Arbitraggi (Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta) li jehtieg li rikors tal-appell jigi notifikat lill-arbitri u kif ukoll lic-Centru tal-Arbitragg "*malajr kemm ikun pratikabbli izda mhux aktar tard minn hmistax-il gurnata wara l-prezentata tal-appell*". Ma jidhirx li l-appellanti segwiet l-obbligu taghha skond l-imsemmi Regolament u dan ghandu jkun ukoll sufficjenti sabiex ir-rikors tal-appell jigi dikjarat null u minghajr effett fil-ligi. Din id-disposizzjoni tinsab espressament reza applikabbli fir-rigward ta' arbitraggi mandatorji permezz tal-art. 70C tal-Att dwar l-Arbitragg.**

**Illi ulterjorment, l-istess obbligu huwa impost ukoll fuq l-appellanti permezz tar-Regolament 36 tal-Avviz Legali 421 tal-2004.**

Illi effettivament dak li qed jigi lamentat mill-appellanti huwa li l-isem ta' John Beirne ma giex indikat fl-okkju u li ma giex indikat li l-Motor Insurer's Bureau kienet qed tidher **bhala intervenuta fil-kawza**. Fir-rigward tal-ewwel element jinghad li jekk kien hemm xi parti li kellha d-dritt tilmenta min-nuqqas ta' indikazzjoni ta' John Beirne fl-okkju dan kien l-istess esponenti John Beirne pero' certament li l-istess esponenti m'ghandu l-ebda interess li jqajjem tali aggravju f'dan l-istadju anke ghaliex skond il-lodo appellat irrizulta li l-intimat Galea kien iddikjarat hati tal-incident u kwindi ghad-danni kollha kagunati minnu. Jekk il-lodo ma nghatax ukoll fil-konfront tal-esponenti John Beirne dan certament m'ghandux jinfluwixxi fuq il-validita' tal-lodo arbitrali ghall-bqija tal-partijiet.

Illi fir-rigward tat-tieni 'zball' lamentat dan mhuwiex hlief nuqqas li effettivament ma jbiddel xejn mis-sustanza tal-okkju. Skond id-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fl-ismijiet **'Gaetano Sammut v. Pauline Sammut' fil-15 ta' Dicembru, 2003 fejn jinsab espressament dkjarat li l-intervenjenti fil-kawza la huma atturi u lanqas konvenuti u kwindi l-ommissjoni tieghu fl-okkju tas-sentenza ma jgb l-ebda nullita'**

Il-fatt li l-Motor Insurer's Bureau ma gietx indikata li qed tidher fil-kwalita' taghha bhala intervenuta fil-kawza certament ma jbiddel xejn mill-fatt li dan gie effettivament ravvizat anke fil-lodo stess tant illi l-arbitru hass il-htega li jirreferi espressament ghal tali fatt u li jaghmel id-debiti kunsidrazzjonijiet a rigward. Effettivament dan mhuwiex fil-veru sens tal-kelma zball fl-okkju ghaliex il-parti fiha nnifisha hija indikata, dak li mhuwiex indikat huwa r-rwol taghha fi hdan il-kawza liema rwol jirrizulta fi kwalunkwe kaz mill-korp tal-lodo arbitrali.

**Dwar it-Tieni Aggravju**

Illi fir-rigward tat-tieni aggravju l-esponenti huwa tal-umli fehma li dan ukoll mhuwiex fondat fid-dritt, almenu fir-rigward tas-sorte mitlub permezz tal-arbitragg odjern. Jidher car, fil-fatt, mill-parti konklussiva tal-istess lodo arbitrali li, in vista tal-fatt mhux kontestat li l-intimat Galea ma jidhirx li kien kopert b'polza tal-assikurazzjoni l-arbitru applika l-principji legali imfissrin fir-rigward tat-tielet aggravju u fil-fatt sab li l-intimat Galea ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni subiti.

Illi in vista tal-fatt li effettivament ma kenitx tezisti polza tal-assikurazzjoni valida, jiskaturixxi konsegwentement l-obbligu da parti tal-appellanti li taghmel tajjeb id-danni sofferti mill-esponenti u likwidati permezz tal-istess lodo. Li gara pero' kien li l-arbitru intebah li ma setax jikkundanna f'dan is-sens lill-Bureau in kwantu dan kien intervenut fil-kawza u proprju qal dan fil-lodo appellat. Ghaldaqstant it-tieni aggravju imressaq mill-Bureau mhuwex rifless, almenu fir-rigward tas-sorte mitlub, mill-parti dispositiva tal-istess lodo li effettivament jaghmilha cara li l-Bureau ma jistax jigi ikkundannat u **fil-fatt ma jikkundannax lill-Bureau ghall-hlas.**

Illi madanakollu huwa minnu li l-arbitru kellu wkoll jistqarr fil-korp tal-lodo li, minkejja dan, ma kenux jezistu ragunijet li ghalihom il-Bureau kellu jirrezisti l-hlas dovut lill-esponenti. Dan il-kumment kellu ovvjament jinftiehem fil-kuntest tal-fatt li **l-lodo fih innfisu ma jista' qatt jikkostitwixxi titolu ezekuttiv b'kundanna ghal hlas fil-konfront tal-Bureau in kwantu, kif jinsab ammess fl-istess lodo, l-Bureau kien semplicement intervjena fil-kawza u ma jistax jigi ikkundannat bhala konvenut.**

Illi l-aggravju imressaq mill-Bureau huwa forsi gustifikat fir-rigward tal-ispejjez li gie ikkundannat ihallas. Evidentement, in kwantu dan jikkontradici dak li effettivament jighad ftit qabel fl-istess lodo, l-esponenti jiddikjaraw minn issa li mhux qeghdin jippretendu li l-lodo arbitrali jikkundanna lill-Bureau ghall-ispejjez tal-arbitragg, salv ghal dak li jinghad aktar 'il fuq fil-korp tal-istess lodo u cioe' li ma jezitux ragunijiet li ghalihom il-Bureau ghandu jirrifjuta li jaghmel tali hlas.

**Dwar it-Tielet Aggravju**

Illi, fir-rigward tat-tielet aggravju u cioe' dak effettivament koncernanti s-sejbien ta' htija ta' Carmel Galea, jirrizulta li d-decizjoni hija ghal kollox sorretta mill-principji legali applikabbli ghall-kaz u skond liema l-intimat certament kellu jigi ddikjarat hati tal-akkadut u tad-danni kollha sofferti mill-esponenti.

Illi b'referenza ghall-fatti kif indikati mill-istess socjeta' intervenuta fil-kawza, senjatament fir-rigward tax-xhieda tal-Pulizija li nvestiga l-incident, jirrizulta li l-intimat kien allega li sar il-bejgh tal-iscooter relattiv lil terzi. F'dan ir-rigward pero' huwa qatt ma ressaq provi u, bil-kontra, jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-istess Pulizija li l-iscooter kien ghadu registrat fuq ismu. Kwindi f'dak l-istadju tal-investigazzjonijiet, l-allegazzjoni tal-intimat kienet biss li huwa ma kienx aktar is-sid tal-iscooter, allegazzjoni li ma gietx pruvata u fil-fatt tinsab kontradetta mir-registrazzjoni tal-istess scooter fuq isem l-istess intimat.

Illi, fuq kollox, ghamel sew l-arbitru li kkundanna lill-intimat u dan in vista tal-fatt li m'ghandux ikun tollerat li sewwieq jikkawza incident, jahrab minn fuq il-post u peress illi semplicement jallega li huwa biegh il-vettura registrata fuq ismu – ukoll jekk il-provi juru xort'ohra - jigi liberat mir-responsabilita' tieghu. 'Multo magis' meta f'dawn il-proceduri il-vettura in kwistjoni kienet qed tinsaq minghajr assikurazzjoni u meta l-intimat baqa' kontumaci.

Illi, aktar minn hekk, l-esponenti jippreciza li ma kienx mehtieg minnu li effettivament jipprova li l-intimat kien effettivament is-sewwieq tal-vettura meta sehh l-incident. Certament saret il-prova mehtiega li l-intimat kien is-sid tal-vettura tramite r-rizultanzi tal-Pulizija investigattiva kemm skond ix-xhieda 'viva voce' tal-PC 141 u kif ukoll tramite l-konferma tar-rapport relattiv. F'dan ir-rigward is-sentenzi huma kostanti filli jirritjenu **anke lis-sid tal-vettura** li tkun qed tinsaq minghajr assikurazzjoni solidalment responsabbli flimkien ma' min ikun effettivament ikkawza l-incident. Hekk illi permezz tas-sentenza fl-ismijiet **Gwakkin sive Gino Grech v. Annette Rizzo et.** deciza fit-2 ta' Marzu, 2001 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili rriteniet is-segwenti fil-konfront ta' sid il-vettura:

*"In vista ta' dak li hemm provdut fl-artikolu 1033 tal-Kodici Civili l-konvenuta Rizzo ghandha wkoll tigi ritenuta responsabbli ghal hlas ta' dawn id-danni.* ***Jirrizulta li l-konvenuta Rizzo naqset mill-obbligu taghha li ma tippermettix li l-vettura in kwistjoni tintuza fuq it-triq meta kienet taf li ma kenitx licenzjata u assikurata*** *(...) Hemm obbligu naxxenti mil-ligi li l-vetturi li jkunu fuq it-triq ghandhom ikunu koperti minn assikurazzjoni ghar-risarciment tad-danni kollha li jistghu jigu kagunati f'incident stradali. Il-konvenuta Rizzo naqset minn dan l-obbligu u dan irendiha passibbli ghad-danni."* (enfazi mizjuda)

Hekk ukoll fil-kawza fl-ismijiet '**Laura Formosa et. v. Emanten Spiteri et**' deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 t' April, 2005 il-Qorti qalet hekk:- "*Dan ghaliex ukoll huwa pacifiku illi, in linea ta' massima generali, sid ta' vettura li tkun involuta f'incident meta misjuqa minn terzi ma jwegibx ghad-danni talvolta kagjonati mis-sewwieq. Bhal kull principju generali iehor ir-regola ssofri eccezzjoni bhal per ezempju fejn jirrizulta li l-vettura misjuqa mit-terz ma tkunx assikurata u allura tinsorgi r-responsabilita' solidali anke ta' sid il-vettura (****Avv. Franz Refalo noe. v. Paul Caruana****, Prim'Awla, Qorti Civili, 5 t'Ottubru, 1995;* ***E. Micallef v. Simone Azzopardi****', Prim'Awla, Qorti civili, 7 t'Ottubru, 1994).*

Illi incidentalment l-istess principju kien gie ricentement applikat ukoll fil-lodo arbitrali moghti f'dan l-istess Centru fid-9 ta' Lulju, 2009 mill-arbitru Dr. Joseph Buttigieg fl-ismijiet '**Citadel Insurance plc et. noe v. Victor Refalo u Josephine Dimech**' fejn id-danni gew addebitati kompletament lis-sid tal-vettura.

Illi huwa evidenti wkoll li n-nuqqas tal-intimat Carmel Galea huwa evidenti u jirrizulta car mill-provi prodotti. Skond il-verzjoni moghtija minnu stess lill-Pulizija – 'dato ma non concesso' li dan ghandha titwemmen – il-vettura kienet inbieghet minkejja li din kienet ghadha tidher fuq ismu. Jirrizulta wkoll li l-vettura ma kenitx assikurata. Madanakollu kien l-istess Carmel Galea li mar jigbor l-iscooter u li sussegwntement bieghu lil terzi. Dan kollu huwa indikattiv tal-fatt li jekk l-iscooter ma kienx assikurat dan kollu kien tort ta' Carmel Galea li kien ghadu s-sid tal-istess 'scooter' ai fini u effetti kollha tal-ligi. Ghaldaqstant ghandu jirrizulta li l-kazistika hawn fuq citata hija applikabbli fir-riward tal-kaz in ezami u li kwindi dan l-aggravju wkoll m'ghandux jigi milqugh.

Ghalhekk l-appellati qed jitolbu li din il-Qorti tikkonferma l-lodo arbitrali appellat bhala wiehed ekwu u gust, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

**Rat** l-atti l-ohra kollha tal-appell kif ukoll l-atti kif kompilati fil-proceduri tal-arbitragg.

**Rat** id-dokumenti kollha esibiti.

**Semghat** it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-artijiet.

**Rat** in-nota ta' referenzi tal-appellanti.

**Rat** in-nota tal-appellanti dwar l-eccezzjoni procedurali sollevata mill-appellati.

**Rat** li l-appell gie differit sabiex tinghata s-sentenza.

**Ikkonsidrat:-**

Dan hu appell minn lodo li nghata mic-Centru Malti tal-Arbitraggi fit-2 ta' April 2012. Il-vertenza hi dwar habta bejn vettura numru ta' registrazzjoni EKA 806 proprieta' tal-appellat John Beirne li kienet assikurata mas-socjeta' assikuratrici appellata, Citadel Insurance plc, u mutur, numru ta' registrazzjoni GAN 328 li hu proprjeta' tal-appellat Carmel Galea. Jirrizulta li l-imsemmi mutur ma kienx assikurat meta grat il-habta u din hi r-raguni ghala l-Malta Insurers Bureau interveniet fil-kawza peress li bil-ligi setghet tkun responsabbli biex thallas id-danni in kwestjoni jew parti minnhom. Il-habta grat fil-19 ta' Awwissu 2008 f'San Pawl il-Bahar. L-imsemmi appellat John Beirne qed jagixxi kontra l-imsemmi Carmel Galea ghad-danni minnu sofferti bhala konsegwenza tal-incident. Jirrizulta li l-vettura ta' John Beirne kienet ipparkeggjata, cioe' stazjonarja meta sehh l-incident, mentri l-imsemmi mutur oltre li ma kienx assikurat ma jirrizultax min kien is-sewwieq tieghu fil-hin tal-incident. L-ammont li qed jigi reklamat bhala danni hu dak ta' seba mija u seba u ghoxrin euro u sitta u sittin centezmi (€727.66).

Fil-kors tal-proceduri quddiem l-Arbitru l-imsemmija Motor Insurance Bureau giet ammessa tintervjeni fil-proceduri. Inoltre l-imsemmi Bureau ppresenta nota ta' sottomissjonijiet u ha parti attiva fil-proceduri. L-intervenuti huma l-appellanti fil-presenti procedura.

L-arbitragg gie deciz billi l-ewwel gie korrettement iddikjarat li l-intervenut m'ghandux jitqies li hu parti fil-vertenza u kwindi l-intervenuti ma setghux jigi kkundannati ihallsu ghad-danni. Nonostante din id-dikjarazzjoni pero', l-Arbitru rrileva li l-intervenuti urew interess fl-esitu tal-proceduri u ghalhekk, skond l-Arbitru, huma kellhom jonoraw id-decizjoni tieghu billi jhallsu lill-attur l-ammont reklamat, li gie ukoll likwidat bhala l-ammont ta' danni subiti mir-rikorrenti appellat Beirne..

L-Arbitru ddikjara ukoll li kellu jiddekorri l-imghax legali mid-data li inbdew il-proceduri sad-data tal-effettiv pagament. Inoltre, skond l-Arbitru, l-ispejjez kellhom jigu sopportati mill-istess intervenuti fil-kawza.

L-aggravji tal-appellanti huma tlieta (3) u cioe' l-ewwel li d-decizjoni appellata hi nulla billi fl-okkju ma hemmx indikati l-partijiet kollha. Inoltre l-appellanti jilmentaw li huma fl-okkju gew erroneament indikati bhala intimati u mhux bhala intervenuti fil-kawza kif effettivament kienu. It-tieni aggravju jikkonsisti fil-fatt li peress li hi kienet biss intervenuta fil-kawza u ghalhekk strettament mhux parti u ma setghatx tigi ordnata tonora d-decizjoni u b'hekk thallas l-ammont reklamat. Din is-sottomuissjoni tghodd ukoll fir-rigward tal-kundanna tal-hlas ta' l-ispejjez. It-tielet aggravju jirrigwarda l-fatt li l-intimat Carmelo Galea, bhala sid tal-imsemmi scooter jew mutur qatt ma kellu jinstab responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti John Beirne.

Dawn l-aggravji ser jigu trattati skond kif gew elenkati mil-appellanti fir-rikors tal-appell taghhom.

L-appellati dwar dan l-ewwel aggravju oltre sottomissjonijiet ohra jaghmlu referenza ghall-artikolu 70A(2) tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar l-Arbitragg) u jissottomettu li r-rikors tal-Appell hu null stante l-appellanti, fir-rigward ta' dan l-appell taghhom, ma segwex l-obbligi imposti mill-istess artikolu u cioe li necessarjament l-istess rikors kellu jigi notifikat lill-Arbitru u lic-Centru tal-Arbitragg, u dan mhux iktar tard minn hmistax (15) il-gurnata mill-presentata. Ma jirrizultax li tali notifiki saru.

Din is-sottomissjoni tal-appellati m'ghandiex tigi akkolta stante li l-imsemmi artikolu ma jispecifikax li jekk ma ssirx l-imsemmija notifika r-rikors tal-appell ghandu jitqies li

hu null. Ghalhekk jista hemm karenza f'dan ir-rigward pero' dan ma jwassalx ghan-nullita' tar-rikors.

Mill-atti jirrizulta ampjament li ir-rikorrenti, jew l-attur, f'dawn il-proceduri hu John Beirne. Hu minnu li fid-decizjoni appellata l-isem "Beirne" ma giex indikat fl-okkju, kif hu minnu ukoll li l-appellanti, fl-istess okkju lanqas ma gew propjament indikati bhala l-intervenuti fil-kawza. Il-Qorti tqis li la darba jirrizullta b'mod ampju min kien qed jagixxi, cioe' l-attur, f'dawn il-proceduri, l-ommissjoni ta' isem l-attur fl-okkju ma jwassakx ghal nullita'.

L-ommissjoni li l-appellanti jigu indikati bhala "interventi" effettivament ma jbiddel xejn fis-sustanza tad-decizjoni tal-Arbitru. Inoltre kif gia rilevat l-intervenuti mhux parti, la huma l-atturi u lanqas konvenuti, u kwindi l-ommissjoni fl-okkju li jigu appuntu indikati bhala "intervenuti" ma jwassal ghall-ebda nullita'. Ghall-imsemmija ragunijiet dan l-aggravju jimmerita li jigi rigettat.

Fir-rigward tat-tieni aggravju. L-appellanti jissottomettu li l-Arbitru injora principju li gie affermat minnu fid-decizjoni appellata, cioe' li intervenuta mhux parti fil-vertenza jew kawza in kwestjoni u fil-parti konklusiva tal-lodo, ddecieda "li kellu d-dritt jordna lill-esponenti (appellanti) tonora d-decizjoni" u thallas l-ammont li qed jippretendi l-attur u thallas ukoll l-ispejjez tal-arbitragg.

Id-decizjoni appellata hi stramba fil-format taghha, pero' tidher li hi ukoll il-rizultat ta' esperjenza twila fil-kamp tal-kollizjonijiet u tal-assikurazzjoni. Difatti fl-ebda hin ma jissemma li l-appellanti kienu qed jigu kkundannati jhallsu l-ammont li kien qed jigi reklamat u lanqas, fil-parti dispositiva tal-lodo, ma jintqal specifikament li l-appellat Carmel Galea kien qed jigi kkundannat ihallas l-ammont in kwestjoni. Difatti l-Arbitru ta' r-ragunijiet tieghu ghaliex wasal biex iddikjara li l-appellanti kellhom ihossu lilhom infushom obbligati li jhallsu l-ammont reklamat. M'hemmx dubju li l-appellanti, minn mindu gew ammessi fil-vertenza bhala intervenuti, hadu sehem attiv fil-proceduri tal-arbitragg. In effett, kif del resto ddikjaraw l-istess appellanti huma finalment huma obbligati li jhallsu l-ammont in kwestjoni u hu ovvju li f'din l-eventwalita' ghandhom japplikaw il-ligijiet u r-regolamenti kollha rilevanti, inkluzi dawk li jirregolaw hlasijiet ta l-"excess" da parti tad-danneggjat.

Ghallhek ma jistax jinghad li l-intervenuti gew ikkundnnati mit-Trinunal dwar l-Arbitraggi biex ihallsu lir-rikorrenti appellat id-danni minnu sofferti. Huma gew semplicement imhegga jhallsu d-danni lid-danneggjat la darba li finalment jista jigri li ser ikunu huma li ser ikollhom ihallsu d-danni in kwestjoni.

In vista ta' kif  hu redatt il-lodo appellat l-Arbitu kien gustifikat li jasal ghall-konkluzjonijiet li wasal ghalihom. D'altronde jirrizulta ampjament li kien is-sewwieq injot tal-mutur proprjeta' tal-intimat Carmel Galea li kien responsabbli ghall-kollizjoni in kwestjoni. Jirrizulta ukoll li l-istess mutur ma kienx kopert b'polza tal-assikurazzjoni u kwindi hemm il-probabilita' li l-appellanti ser ikunu mgieghla ikopru d-danni sofferti minn l-imsemmi danneggjat. Hu ovvju l-interess guridiku tal-appellanti li jidhlu f'dawn il-proceduri bhala intervenuti "in statu et terminis" f'dan l-arbitragg. .

Fit-tieni aggravju taghhom l-appellanti jissottomettu li huma ma setghux jigu kkundannati jonoraw l-imsemmija decizjoni tal-Arbitru in kwantu huma kienu semplicement intervenuti u lanqas ma setghu jigu kkundannati jhallsu l-ispejjez kollha tal-arbitragg. In parte dan l-aggravju gia gie trattat. Pero' kwantu ghall-ispejjez din is-sottomissjoni tal-appellanti hi gusta u hu ovvju li l-istess appellanti ma kellhomx jigu kkundannati jhallsu l-ispejjez tal-arbitragg li ghandhom jithallsu mill-intimat Galea. Inoltre dak li ser jinghad dwar is-segwenti aggravju cioe' t-tielet, jghodd ukoll ghal dan it-tieni aggravju.

Fit-tielet aggravju taghhom l-appellanti jssottomettu li ma kienx hemm ragunjiet validi fil-ligi li fuqhom l-intimat Carmel Galea bhala propjetarju tal-mutur seta' jinstab responsabbli ghad-danni in kwestjoni. L-arbitru ddikjara li l-intervenuti ma setghux jigu kkundannati u ghalhekk certament ma kienitx l-intenzjoni tal-istess Arbitru li jikkundanna lill-intervenuti fil-proceduri tal-arbitragg.

Kif gia rilevat in effett ma jidhirx li l-imsemmi Galea gie specifikament ikkundannat ihallas id-danni reklamati. Inoltre kif ukoll gia specifikat jirrizulta ampjament li l-mutur ma kienx kopert minn assikrazzjoni fil-mument tal-incident. Kemm il-darba gie korettement deciz li fil-kaz ta' veikolu li ma jkunx kopert minn assikurazzjoni s-sid tieghu ghandu jigi ritenut li hu responsabbli in solidum ma min effettivament ikkawza d-dannu. F'dan il-kaz hu bla dubju responsabbli ghall-hsara kagunata s-sewwieq injot tal-mutur. Kwindi Galea bhala s-sid tal-mutur hu, fi kwalunkwe kaz responsabbli ghad-danni in kwestjoni.

F’dan ir-rigward tista ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet “Gwakkin sive Gino Grech vs Annette Rizzo et” deciza it-2 ta’ Marzu, 2001 mill- Prim’Awla tal-Qorti Civili. F’din is-sentenza wara li saret referenza ghall-artikolu 1033 tal-Kodici Civili, intqal li f'kazijiet, appuntu bhal kaz in ezami, cioe’ jekk veikolu mhux assikurat ikun involut f’incident tat-traffiku, s-sid ta’ dak il-veikolu hu responsabbli in solidum mas-sewwieq tieghu fil-mument tal-incident stante li ma jirrizultax li l-istess sid ma kienx ipprojbixxa l-uzu tal-veikou fit-triq. Sid hu obbligat li jassikura li vettura li tista tntuza fit-triq tkun koperta b’assikurazzjoni ghar-risarciment tad-danni kollha sofferti minn terzi. Hu zgur li Galea naqas minn dan l-obbligu u ghalhekk ghandu, fi kwalunkwe kaz, jigi ritenut li hu responsabbli ghad-danni kagunati bl-incident in kwestjoni. (Vide ukoll “Laura Formosa et vs E. Spiteri et” - Prim’Awla tal-Qorti Civili - 28 ta’ April 2005 u “Avv. Franz Refalo noe vs Paul Caruana” - Prim’Awla, Qorti Civili, 5 ta’ Ottubru, 1995 u “E. Micallef vs Simone Azzopardi” - Prim’Awla, Qorti Civili - 7 ta’Ottubru, 1994).

Inoltre, fl-opinjoni tal-Qorti, hu altament probabbli li l-istess Galea kien ukoll is-sewwieq tal-mutur fil-hin tal-incident. Hemm indikazzjonijiet cari li dan kien il-kaz. Il-komportament tieghu fil-proceduri tal-arbitragg, hu indikattiv li dan hu l-kaz. Dak li Carmelo Galea qal lil min kien qed jivestiga l-kollizjoni dwar min kien is-sid tal-mutur jevidenzja l-non-affidabilira’ tieghu.

Ghalhekk kemm it-tieni kif ukoll it-tielet agravju jimmeritaw li jigu rispinti. Kwindi dan l-appell ghandu jigi michud u l-lodo appellat jigi kkonfermat ad eccezzjoni tal-kap tal-ispejjez li ghandu jigi riformat fis-sens li l-ispejjez tal-proceduri tal-arbitragg ghandhom jithallsu mill-intimat appellat Carmel Galea.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddecidi billi tirriforma parzjalment il-lodo appellat cioe’ dak tat-2 ta’April 2012 moghti mic-Centru Malti tal-Arbitraggi fl-ismijiet premessi u tordna li l-ispejjez tal-arbitragg ghandhom kollha jithallsu mill-appellat Carmel Galea. Apparti dan l-imsemmi lodo qed jigi kkonfermat fit-totalita’ tieghu .

L-ispejjez ta’ dan l-appell jithallsu kollha mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------